Imma s'issa tkellimna dwar l-effett tal-kultura fuq l-individwu, iżda l-kultura tisfa' ta' ġid mhux lil bniedem waħdu iżda lil pajjiż kollu. F'dik in-nazzjon fejn hemm mezzi għat-tixrid tal-kultura l-livell intellettwali jogħla u n-nies bħala popolazzjoni jingħażlu minn oħrajn li għadhom lura u neqsin mit-tagħlim; fil-pajjiżi kolti s-sentimenti huma aktar nobbli, l-imħabba, il-ħniena aktar mogħġuba; f'dawn il-pajjiżi ssib inqas għelt u ħażen għax in-nies aktar jafu x'inhuma dmirijiethom bħala aħwa u bħala ċittadini. F'pajjiżi fejn hi mxerrda l-kultura tista' tiltaqa' mat-tajjeb u mal-ħażin għax dawn jinsabu kullimkien imqar fl-aħjar kulleġġi, iżda f'dawk il-pajjiżi aktarx wieħed ma jarax eċċessi ta' qilla, ta' ħell u ta' diżordni; għall-kuntrarju hu magħruf li l-qtil, is-serq u l-qerq bl-oħxon jaħkmu fejn in-nies għadhom lura u neqsin mid-dawl tar-ruħ u minn sentimenti sbieħ.

Billi taħt l-influwenza tal-kultura n-nies aktar jifhmu dak li hu ġust u sewwa, dawk il-pajjiżi li jikkultivaw l-istituzzjoni kulturali ssibhom mogħnija b'ħaqq ġust u bil-paċi fost il-poplu, hekk iċ-ċittadini huma mħarsin u jgħixu fil-kwiet u għalhekk ikollhom aktar żmien u ħajra biex jagħtu ruħhom għax-xogħol u għat-tkattir tal-produzzjoni. Din hi r-raġuni li pajjiżi fejn il-livell tal-kultura hu għoli aktarx ma ssibhom neqsin minn xejn u għandhom ekonomija nazzjonali soda.

Rajna kemm tiswa l-kultura fil-ħajja materjali u spiritwali tal-bniedem, tal-pajjiż u tal-ġnus. Kif nistgħu ma nħabirkux biex ngħinu u nġibu 'l quddiem dak kollu li jista' jkattar il-kultura tan-nazzjon? Organizzazzjonijiet, Istituti u Għaqdiet li twaqqfu biex ixerrdu l-kultura jistħoqqilhom kull tifħir u inkuraġġiment; l-opra tagħhom ma titqiesx skond is-suċċessi li jidhru biss. Dawn il-għaqdiet li għandhom bħala skop it-tixrid ta' kultura qegħdin iwettqu ħidma fejjieda u ta' siwi kbir; l-effetti tagħhom ħafna drabi ma jidhrux għax bħalma għidna huma ma jfittxux suċċessi għall-għajnejn, iżda b'danakollu ħadd ma jista' jqis kemm hu kbir il-ġid li qegħdin jagħmlu fost il-poplu. Bil-mod u bil-għaqal, bla ħafna għaġeb u bis-sabar, dawn il-għaqdiet qegħdin jaħdmu biex jorqmu r-razza, biex jiftħu għajnejn in-nies, biex jeqirdu l-ġibdiet u d-drawwiet il-ħżiena, biex iwarrbu dawk in-nuqqasijiet li jċekknu lil min għadu lura. U meta r-razza tissaffa, tintroqom u tiżżejjen; tissaħħaħ, titqawwa u tintrefa', allura togħla fuq l-oħrajn, tikseb ġieh u tgħix hienja u fil-paċi.



## ALLA FIL-ĦOLQIEN

*Ta'* Ġużè' Agius Bonello

Fil-ħemda,
Fis-skiet
T'għar jongħos in-nagħsa ta' toqol l-imwiet,

Sibt ruħi
U bdejt
Inħewden u noħlom bi ħsiebi bla ħdejt.

Taħt ħarsti
Fit-tul
Imewġu bħall-baħar rajt ħbula ta' sbul,

U aktar
Lilhinn
Sarbut dwieli ħodor mal-ħajt rieqda għall-kenn.

Fuq rasi
Mifrux
Kien hemm wiċċ is-sema, li n-nies ma tilħqux,

Imdawwal
Mix-xemx
Li qatt ma tintefa, li m'isbħa ma hemmx.

U jiena
Fil-ħin
Ħassejt ħsiebi jixgħel b'dawl Alla l-Ħanin:

Dak Alla
Li jien
Fittixt drabi oħra u ma stajt nara mkien.

30. VIII. 51.